# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Ġunju, 2024**

**Rikors Nru. 595/2024**

**Ulrich Girke**

**v.**

**Anthony Desira**

**u**

**Elena Alexandrovna Desira**

1. L-intimat Anthony Desira (is-"sur Desira") tqabbad mir-rikorrent Ulrich Girke (is-"sur Girke") bħala kuntrattur biex jagħmel xogħolijiet fuq proprjetà tas-sur Girke fil-Kalkara.

2. Skont ma jingħad fir-rikors ġuramentat imressaq flimkien mar-rikors li għandha quddiemha l-qorti, is-sinjura Desira (is-"sinjura Desira") kellha rwol inqas ċentrali minn dak tas-sur Desira. Ir-rwol tagħha kien li tipprepara kontijiet u kalkoli u tassisti lil żewġha fl-amministrazzjoni tan-negozju. Għandha ukoll, ingħad, sehem

fil-komunjoni tal-akkwisti. Is-sinjura Desira tiċħad li hi kellha xi rwol b'rabta mal-appalt bejn is-sur Girke u s-sur Desira.

3. Jidher li saru xi pagamenti lis-sur Desira għal xogħolijiet li ma sarux. Fil-fatt, ġie ffirmat kuntratt datat 4 ta' Ottubru 2022 li permezz tiegħu s-sur Desira aċċetta li għandu jrodd lura lis-sur Girke s-somma ta' €10,000 'for works not executed and/or money received from [Mr Girke].' Din is-somma kellha tintradd lura jew f'xogħolijiet jew fi flus, fi żmien tnax-il xahar.

4. Is-sur Girke jgħid li din is-somma ma ntradditx lura u li meta qabbad lil oħrajn biex ilestu x-xogħolijiet sab li kien hemm ħafna problemi u defiċjenzi fix-xogħol li kien laħaq sar mis-sur Desira u li, allura, hemm dovuti danni li jmorru lil hinn mis-somma ta' €10,000 dovuta skont l-imsemmi kuntratt.

5. Għalhekk, is-sur Girke talab lis-sur Desira biex jagħmel tajjeb għal dan kollu. Dan għamlu l-ewwel billi ressaq ittra uffiċjali fil-31 ta' Jannar 2023 fejn it-talba ġiet kwantifika fis-somma ta' €10,000 skont l-imsemmi kuntratt; €1,300 valur ta' madum; u bejn €20,000 - €30,000 bħala danni ulterjuri.

6. Mhux ċar saritx risposta għal din l-ittra uffiċjali, imma ftit wara, preċiżament fit-2 ta' Frar 2024, is-sur Girke ressaq talba għal mandat ta' inibizzjoni, talba li ngħatat in-numru 196/2024, u li magħha ġiet mehmuża kopja tal-ittra uffiċjali.[1]

7. Dik it-talba ġiet miċħuda billi l-qorti, presjeduta minn imħallef ieħor, dehrilha li, minħabba n-natura tal-pretensjoni tiegħu, is-sur Girke ma setax jagħmel talba skont l-art. 873 tal-Kap. 12 imma kellu jagħmilha skont l-art. 874 tal-Kap. 12.

8. Fl-10 t'April 2024, is-sur Girke ressaq ir-rikors li għandha quddiemha l-qorti llum. Din id-darba r-rikors tressaq skont il-formula maħsuba għall-finijiet tal-art. 874 tal-Kap. 12. Ir-rikors ma fihx ħafna informazzjoni, tant li l-qorti kellha titlob li tingħata kopja tar-rikors ġuramentat li għalih hemm referenza, biex tkun tista' tifhem aħjar dak li qed jippretendi s-sur Girke, u dak li fuq jistrieħ.

[1] Apparti li l-intimati għamlu referenza għall-proċeduri wara r-rikors 196/2024 fir-risposta, saret referenza ampja għalihom waqt is-smigħ li seħħ fil-31 ta' Mejju 2024, u l-qorti ngħatat kopja informali tad-digriet tat-8 t'April 2024. Hemm referenza, fid-digriet, għas-somma li ried ikopri s-sur Girke bħala dik bejn €20,000 u €30,000. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ittra uffiċjali, kienet kemxejn iżjed.

9. Imma r-rikors quddiem il-qorti llum fih indikazzjoni tal-ammont li s-sur Girke jrid jqiegħed fiż-żgur. L-ammont hu ta' €100,000.

10. Dan l-ammont hu iktar mid-doppju ta' l-ogħla parametru indikat mis-sur Girke b'rabta mar-rikors tiegħu fl-atti bin-numru 196/2024. Kif rajna l-qorti kienet fehmet l-ogħha talba tiegħu bħala €30,000 meta, fil-fatt, l-ogħla figura li tista' tinftiehem minn dawk l-atti hi ta' €41,300.

11. Ma ngħatat l-ebda spejegazzjoni għaliex, minn Jannar '1 hawn, il-pretensjoni iktar milli rdoppjat. Jidher mir-rapport li tressaq flimkien mar-rikors ġuramentat (li kopja tiegħu tinstab fl-atti) li s-sur Girke kien jaf bil-problemi ta' lanqas minn Awwissu tas-sena l-oħra.[2] Ir-rapport ma fih ebda indikazzjoni ta' kemm kienet i-ħsara f'termini ta' flus. Mandanakollu, s-sur Gierke għamel kalkolu l-ħsara meta ressaq l-ittra uffiċjali, anki jekk b'mod approssimattiv.

12. Għalhekk, is-sur Girke ħalef li l-ammont li jrid jiġi mqiegħed fiż-żgur hu ta' €100,000 meta - xahrejn qabel, u bl-informazzjoni meħtieġa magħrufa - kien għarraf lill-qorti li l-pretensjoni tiegħu kienet, l-iktar, tammonta għal €41,300.[3]

13. Fl-aħjar ipotesi għalih, is-sur Girke ma qiesx sew dak li kien qiegħed jgħid lill-qorti meta ħalef ir-rikors li għandha quddiemha l-qorti. F'ipotesi agħar għalih, ried jiżvija jew jeżaġera; u fl-agħar ipotesi hu ħati ta' sperġur.

14. F'kull każ, il-pretensjoni tas-sur Girke li għandha quddiemha l-qorti ma tistax titqies li ntweriet fuq bażi *prima face* għaliex l-ammont hu, ta' l-anqas, dubjuż; u anki jekk jista' jkollu dritt *prima facie* għal ammont inqas, mhux għall-qorti li tittenta tistabbilih.

---

[2] Ir-rapport hu datat 4 ta' Awwissu 2023

[3] Ir-rikors li jġib in-numru 196/2024 ma ġiex maħluf mis-sur Girke. Ħalfu l-mandatarju tiegħu. Però l-qorti tassumi li l-informazzjoni f'dak ir-rikors ġiet mingħand is-sur Girke. Irid jingħad ukoll li jidher li s-sur Girke hu Ġermaniż. Kemm jifhem bil-Malti mhux ċar. B'danakollu, il-qorti tassumi li dak li kien qed jaħlef ġie spjegat lilu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba, bl-ispejjeż jitħallsu mis-sur Girke.

Mogħti kameralment.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur